Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2026/2027(INI)

23.6.2026

ABBOZZ TA’ RAPPORT

“Il-politika ta’ koeżjoni – il-forza motriċi fl-implimentazzjoni tal-aġenda tal-UE għall-bliet”
(2026/2027(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Denis Nesci

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

“Il-politika ta’ koeżjoni – il-forza motriċi fl-implimentazzjoni tal-aġenda tal-UE għall-bliet”
(2026/2027(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 14, 174, 175, 177 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta’ Koeżjoni,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) appoġġata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-istrumenti ta' finanzjament estern,

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta,

– wara li kkunsidra l-programm URBACT għall-kooperazzjoni urbana sostenibbli, stabbilit fl-2002,

– wara li kkunsidra l-Karta ta’ Leipzig il-ġdida – Il-poter trasformattiv tal-bliet għall-ġid komuni, adottata fl-okkażjoni tal-Laqgħa Ministerjali Informali dwar il-Kwistjonijiet Urbani tat-30 ta’ Novembru 2020,

– wara li kkunsidra l-Aġenda Territorjali 2030 – Futur għall-postijiet kollha, adottata fil-laqgħa informali tal-Ministri responsabbli għall-ippjanar territorjali, għall-iżvilupp territorjali u/jew għall-koeżjoni territorjali fl-1 ta’ Diċembru 2020,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta’ Ljubljana tas-26 ta’ Novembru 2024, li jsaħħaħ l-aġenda urbana għall-UE stabbilita f’Amsterdam fit-30 ta’ Mejju 2016,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta’ Settembru 2021 bit-titolu “Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida – Sbuħija, Sostenibbiltà, Flimkien” (COM(2021)0573),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta’ Diċembru 2026 bit-titolu “Aġenda tal-UE għall-Bliet: L-Ixprunar tat-Tkabbir u l-Prosperità” (COM(2025)739),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta’ Diċembru 2026 bit-titolu “Il-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli” (COM(2025)1025),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta’ Settembru 2015 dwar id-dimensjoni urbana tal-politiki tal-UE (2014/2213(INI))[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta’ Lulju 2018 dwar ir-rwol tal-bliet fil-qafas istituzzjonali tal-Unjoni (2017/2037(INI)),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta’ Mejju 2021 dwar it-treġġigħ lura tax-xejriet demografiċi fir-reġjuni tal-UE bl-użu tal-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni (2020/2039(INI)),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta’ Frar 2022 dwar l-isfidi għaż-żoni urbani fl-era ta’ wara l-COVID-19 (2021/2075(INI)),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta’ Settembru 2022 dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (2021/2255(INI)),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta’ Mejju 2023 dwar il-qafas il-ġdid tal-UE għall-mobilità urbana (2022/2023(INI)),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Mejju 2025 dwar id-disa’ rapport dwar il-koeżjoni ekonomika u soċjali (2024/2107(INI)),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta’ Settembru 2025 dwar ir-rwol tal-investiment tal-politika ta’ koeżjoni fis-soluzzjoni tal-kriżi attwali tal-akkomodazzjoni (2024/2120(INI)),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta’ Marzu 2026 dwar il-kriżi tal-akkomodazzjoni fl-Unjoni Ewropea bl-għan li jiġu proposti soluzzjonijiet għal akkomodazzjoni deċenti, sostenibbli u affordabbli (2025/2070(INI)),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-16 ta’ Lulju 2025 għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2028 sal-2034 (COM(2025)0571),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta’ April 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Pluriennali għas-snin mill-

[1] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52015IP0307.

2028 sal-2034 (COM(2025)0571 – C10-0000/2025 – 2025/0571R(APP)),

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali 2025 tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istat tar-Reġjuni u l-Bliet,

– wara li kkunsidra l-opinjoni ta' ... 2026 tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' …,

– wara li kkunsidra l-opinjoni ta' ... 2026 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A10-0000/2026),

A. billi l-abitanti tal-bliet u ta' żoni urbani oħra jirrappreżentaw madwar tliet kwarti tal-popolazzjoni tal-UE;

B. billi l-bliet jiżvolġu rwol ċentrali fil-vitalità ekonomika u soċjali tal-Ewropa u l-iżvilupp sostenibbli tagħhom huwa ggwidat minn strumenti kruċjali tal-UE bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-aġenda urbana għall-UE;

C. billi ż-żoni urbani jerfgħu l-piż ta' sfidi ġodda, fosthom dawk li ġejjin mill-fluss ta' popolazzjoni dieħel lejn il-bliet u miż-żieda fil-prezzijiet tal-akkomodazzjoni;

D. billi l-politika ta' koeżjoni tal-UE jenħtieġ li tikkontribwixxi għal suq tal-akkomodazzjoni aċċessibbli u għall-but ta' kulħadd għall-persuni kollha fl-UE, b'mod partikolari għall-familji u għaż-żgħażagħ;

E. billi l-aġenda tal-UE għall-bliet tiddeskrivi l-viżjoni, il-politiki u ġabra ta' azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea applikabbli għall-bliet ta' kull daqs;

F. billi l-inizjattiva urbana Ewropea tiżvolġi rwol kruċjali fir-responsabbilizzazzjoni tal-bliet billi tagħti appoġġ finanzjarju, tippromwovi l-innovazzjoni u ssaħħaħ il-kapaċità li jiġi implimentat l-iżvilupp urban fl-Unjoni Ewropea kollha;

G. billi s-suċċess tal-aġenda jiddependi mill-involviment sinifikattiv tal-bliet fil-proċess tat-tfassil tal-politiki, permezz ta' approċċ ibbażat fuq it-territorju u governanza effikaċi f'diversi livelli bi qbil mal-prinċipju ta' sħubija;

H. billi t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva jitlob proċeduri amministrattivi simplifikati, assistenza teknika mmirata u mekkaniżmi ta' żvilupp tal-kapaċitajiet adattati għall-bliet ta' kull daqs;

I. billi l-proposta relatata mal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali (SNR) ma tirrikonoxxix b'mod adegwat ir-rwol strateġiku tal-bliet;

Il-bliet bħala atturi kruċjali tal-Unjoni u pilastru tal-politika ta' koeżjoni

1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Aġenda tal-UE għall-Bliet: L-Ixprunar tat-Tkabbir u l-Prosperità", li tistabbilixxi qafas komprensiv għall-iżvilupp urban fl-Unjoni Ewropea;

2. Ifakkar fir-riżultati li ntlaħqu maż-żmien, mill-Patt ta' Amsterdam sal-aġenda territorjali 2030;

3. Jissottolinja li l-bliet jinsabu fuq quddiem nett biex jindirizzaw l-isfidi Ewropej ewlenin u għaldaqstant ma jridux biss jiġu involuti fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej, iżda wkoll fil-ħolqien tagħhom;

4. Jilqa' r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni, li ppermetta li jiġu riallokati b'mod effikaċi riżorsi lejn prijoritajiet emerġenti; jilqa' wkoll l-inizjattivi relatati mal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", mal-gżejjer, mar-reġjuni kostali u mar-reġjuni ultraperiferiċi;

5. Jirrikonoxxi r-rwol tal-bliet bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, tal-innovazzjoni, tal-kultura, tal-edukazzjoni u tal-kompetittività Ewropea, kif ukoll ċentri biex jattiraw talenti, investimenti u attivitajiet ekonomiċi;

6. Jenfasizza li l-koeżjoni soċjali u territorjali tikkostitwixxi komponent essenzjali tal-iżvilupp urban sostenibbli;

7. Jenfasizza r-rwol tal-bliet fit-tisħiħ tas-sigurtà;

8. Jirrikonoxxi li l-kriżi tal-akkomodazzjoni tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet politiċi prinċipali; jissottolinja r-rwol ċentrali tal-awtoritajiet lokali fit-tiswir tal-istrateġiji effikaċi tal-akkomodazzjoni u jilqa' l-pjan Ewropew futur għal akkomodazzjoni affordabbli;

9. Jisħaq fuq l-importanza tal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", fis-sens tad-dritt tal-persuni li jkunu jistgħu jagħżlu li jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom;

10. Jenfasizza r-rwol tal-bliet biex jagħtu servizzi essenzjali ta' kwalità, fosthom trasport, edukazzjoni, assistenza fil-qasam tas-saħħa u servizzi marbuta mal-impjiegi; jitlob li jiġu promossi investimenti fil-mobbiltà sostenibbli, fis-sistemi tat-trasport pubbliku u fis-sikurezza tal-ispazji pubbliċi, b'attenzjoni partikolari għan-nisa u għall-kategoriji vulnerabbli;

11. Jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument ta' promozzjoni tas-saħħa, tal-benesseri u tal-inklużjoni soċjali;

12. Jenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tal-IA fit-titjib tal-ippjanar urban, tal-effiċjenza enerġetika, tal-kwalità tal-arja, tal-mobbiltà, tas-servizzi pubbliċi, inklużi dawk tas-saħħa;

13. Ifakkar fil-bżonn li jiġu sostnuti r-riċerka u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali;

Sfidi futuri: aġenda tal-UE li tirrispondi għall-bżonnijiet tal-bliet

14. Josserva li s-suċċess tal-aġenda tal-UE għall-bliet jiddependi mir-rwol tal-bliet fil-fażijiet kollha tal-proċess deċiżjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri

jsaħħu l-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli u jiżguraw lill-awtoritajiet lokali u reġjonali rwol strutturat fit-tiswir, fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej;

15. Jisħaq fuq il-bżonn li tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-bliet u jiġi simplifikat l-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa l-pjattaforma futura għall-bliet bħal punt ta' kuntatt uniku Ewropew li jiġbor fih informazzjoni dwar il-finanzjamenti disponibbli, l-assistenza teknika, l-appoġġ għad-disinjar u l-iskambji tal-aħjar prattiki, bil-għan li l-ideat proġettwali jissarrfu f'investimenti konkreti;

17. Jissottolinja li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur irid jiżgura riżorsa adegwati għall-iżvilupp urban sostenibbli; jistieden lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-bliet fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali u tal-Faċilità tal-UE, u jfakkru li fil-perjodu 2021-2027 kien indikat livell minimu ta' 8 % tar-riżorsi tal-FEŻR biex jiġi allokat għal dan l-iskop;

18. Jenfasizza r-rwol fundamentali tal-inizjattiva urbana Ewropea u tal-programm URBACT biex jappoġġjaw l-innovazzjoni, l-isperimentazzjoni, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet amministrattivi u l-iskambju tal-prattiki tajba bejn il-bliet;

19. Jenfasizza li l-appoġġ lill-bliet irid ikun żgurat mhux biss permezz tal-politika ta' koeżjoni, iżda wkoll permezz ta' strumenti oħra tal-UE, fosthom il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, Erasmus+ u AgoraEU; jinkoraġġixxi, barra minn hekk, l-użu tas-sħubijiet pubbliċi-privati biex jiġu mobilizzati investimenti addizzjonali;

20. Jissottolinja l-valur tal-investimenti territorjali integrati (ITI);

21. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u kostali kif ukoll liż-żoni interni, billi jiġu rikonoxxuti l-isfidi demografiċi, ekonomiċi u territorjali speċifiċi tagħhom u jiġi garantit li jkollhom aċċess adegwat għall-finanzjamenti Ewropej u għall-opportunitajiet ta' żvilupp;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Dan ir-rapport jinbet mill-għarfien li l-bliet u ż-żoni urbani llum jirrappreżentaw il-qalba ekonomika, soċjali u produttiva tal-Unjoni Ewropea.
Madwar tliet kwarti taċ-ċittadini Ewropej jgħixu f'żoni urbani u proprju fil-bliet huma kkonċentrati l-isfidi prinċipali li l-Ewropa jkollha tħabbat wiċċha magħhom: aċċess għall-akkomodazzjoni, kompetittività ekonomika, pressjoni enerġetika, inklużjoni soċjali, sigurtà, mobbiltà, reżiljenza u tranżizzjoni diġitali. Fl-istess ħin, il-bliet huma wkoll il-post fejn tiġi implimentata b'mod konkret il-biċċa l-kbira tal-politiki Ewropej u fejn jistgħu jitfaċċaw soluzzjonijiet innovattivi kapaċi li jiġu replikati fit-territorju kollha tal-UE.

Ir-rapport jilqa' l-aġenda l-ġdida tal-UE għall-bliet ippreżentata mill-Kummissjoni Ewropea, billi jirrikonoxxi l-valur ta' qafas strateġiku li jimmira li jsaħħaħ d-dimensjoni urbana tal-politiki Ewropej. B'mod partikolari, jiġi rikonoxxut ir-rwol ċentrali li jiżvolġu l-politika ta' koeżjoni u l-istrumenti Ewropej iddedikati għall-iżvilupp urban sostenibbli, li f'dawn l-aħħar snin ikkontribwew biex jappoġġjaw l-investimenti, l-innovazzjoni u r-reżiljenza fit-territorji urbani.

Ir-rapport jenfasizza wkoll ir-riżultati importanti li diġà nkisbu permezz tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni proposta mill-Kummissjoni Ewropea, li ppermetta lill-Istati Membri jadattaw ruħhom malajr għall-prijoritajiet li nqalgħu f'dawn l-aħħar snin. B'mod partikolari, ir-riallokazzjoni tar-riżorsi lejn setturi strateġiċi bħall-akkomodazzjoni affordabbli, it-tranżizzjoni enerġetika, l-infrastrutturi, il-ġestjoni tal-ilma, il-kompetittività u r-reżiljenza ppermettiet li jissaħħaħ l-appoġġ lill-bliet u liċ-ċittadini Ewropej f'kuntest ikkaratterizzat minn kriżi waħda fuq l-oħra u pressjonijiet ekonomiċi u soċjali ġodda.

Barra milli jilqa' l-approċċ tal-Kummissjoni, ir-rapport jisħaq fuq il-bżonn li jkompli jissaħħaħ ir-rwol tal-bliet fi ħdan il-governanza Ewropea. L-awtoritajiet lokali u reġjonali ma jistgħux jitqiesu biss bħala atturi li jimplimentaw il-politiki Ewropea, iżda jridu jiġu rikonoxxuti bħala atturi li tassew joħolqu dawn il-politiki. Il-bliet huma, fil-fatt, il-livell ta' gvern l-aktar viċin iċ-ċittadini u l-post fejn parti sinifikanti tal-investimenti Ewropej tiġi implimentata b'mod konkret.

Għalhekk, il-prinċipju ta' sħubija u l-governanza f'diversi livelli jridu jiġu applikati b'mod aktar konkret u effikaċi, billi jiġi żgurat involviment strutturat u permanenti tal-bliet fil-proċessi deċiżjonali Ewropej, anki fil-qafas tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali futuri.

Ir-rapport, barra minn hekk, jesprimi tħassib bil-fatt li l-proposta attwali relatata mal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali ma tirrikonoxxix biżżejjed id-dimensjoni urbana u ma tipprevedix garanziji adegwati għall-involviment tal-bliet fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni tal-investimenti. Madankollu, huwa fundamentali li l-Istati Membri jiżguraw parteċipazzjoni effettiva tal-awtoritajiet urbani, biex il-prijoritajiet Ewropej ikunu jistgħu jiġu adattati għall-bżonnijiet konkreti tat-territorji permezz ta' approċċ tassew territorjali ("*place-based*").

Wieħed mis-suġġetti ċentrali li r-rapport jindirizza huwa dak tal-kriżi tal-akkomodazzjoni, illum waħda mill-emerġenzi soċjali u ekonomiċi prinċipali fil-bliet Ewropej. Id-diffikultà

dejjem akbar tal-aċċess għal akkomodazzjoni bi prezzijiet sostenibbli qiegħda tiggrava l-inugwaljanzi soċjali u territorjali, b'impatt negattiv fuq il-mobbiltà tax-xogħol, il-kompetittività ekonomika u l-koeżjoni soċjali. Għal dan il-għan, ir-rapport jilqa' l-pjan Ewropew għal akkomodazzjoni affordabbli li ħabbret il-Kummissjoni u jappoġġja l-bżonn ta' mobilizzazzjoni kemm tal-investimenti pubbliċi kif ukoll tal-kapital privat, anki permezz ta' sħubijiet pubbliċi-privati u strumenti tal-politika ta' koeżjoni.

F'dan il-kuntest, hemm il-ħsieb li titfakkar l-importanza tal-prinċipju "dritt li wieħed jibqa' fit-territorju", dan l-aħħar valorizzat anki mill-Kummissjoni Ewropea, fis-sens tad-dritt taċ-ċittadini li jkunu jistgħu jkomplu jgħixu, jaħdmu jew jibnu l-futur tagħhom fit-territorji li jqisuhom darhom.
Il-kwistjoni tal-akkomodazzjoni għandha x'taqsam, fil-fatt, ma' dimensjoni usa', li tinkludi l-aċċess għas-servizzi, il-kwalità tar-relazzjonijiet soċjali u l-possibbiltà għan-nies li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja tal-komunità.
Huwa essenzjali li jiġu żgurati akkomodazzjoni aċċessibbli, servizzi ta' kwalità, opportunitajiet ekonomiċi u infrastrutturi effiċjenti, mhux biss biex tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali, iżda wkoll biex jiġu miġġielda l-fenomeni ta' esklużjoni territorjali, irtirar soċjali taż-żgħażagħ u l-depopolazzjoni.
Dawn il-kundizzjonijiet jirrappreżentaw prerekwiżit fundamentali biex tiġi indirizzata l-isfida demografika li tolqot lil bosta bliet Ewropej, billi tiġi sostnuta l-formazzjoni ta' familji ġodda, jiġi mħeġġeġ il-fatt li ż-żgħażagħ jibqgħu fit-territorji u tingħata għajnuna biex jinħoloq kuntest aktar favorevoli għar-rata tat-twelid u għat-tiġdid ġenerazzjonali.
Il-koeżjoni relazzjonali u l-benesseri soċjali bbażat fil-komunità għaldaqstant għandhom jiġu integrati fl-istrateġiji urbani, billi jiġu previsti l-ippjanar u ż-żamma tal-infrastrutturi bbażati fil-komunità bħala komponent strutturali u mhux bħala element residwali. Il-bliet għandhom ikunu f'qagħda li joffru kundizzjonijiet ta' ħajja sostenibbli u aċċessibbli, speċjalment liż-żgħażagħ, lill-familji u lill-kategoriji vulnerabbli.

Ir-rapport barra minn hekk jenfasizza l-mod kif il-kwistjoni tal-akkomodazzjoni għandha tiġi indirizzata permezz ta' approċċ integrat, li jinkludi mhux biss li jinbnew akkomodazzjonijiet ġodda, iżda wkoll li jitranġa mill-ġdid l-istokk tal-bini eżistenti, fir-rispett tal-ispeċifiċitajiet territorjali u tal-prinċipji tal-Bauhaus Ewropea l-ġdida. Minħabba li huma qrib il-bżonnijiet konkreti taċ-ċittadini, il-bliet iridu jiżvolġu rwol ċentrali fit-tiswir u fl-implimentazzjoni ta' dawn l-istrateġiji.
Minbarra dan, ir-rapport jisħaq fuq l-importanza li jiġu garantiti servizzi urbani essenzjali ta' kwalità, fosthom it-trasport, l-edukazzjoni, l-assistenza fil-qasam tas-saħħa, l-impjiegi u s-sikurezza tal-ispazji pubbliċi. Il-bliet jirrappreżentaw ċentri fundamentali għall-mobbiltà, għall-produttività ekonomika u l-aċċess għall-opportunitajiet, iżda għandhom jindirizzaw problemi dejjem aktar sinifikanti marbuta mal-konġestjoni urbana, mas-sigurtà u mal-pressjoni fuq l-infrastrutturi pubbliċi. Għalhekk, ir-rapport jappoġġja investimenti mmirati fil-mobbiltà sostenibbli, fiċ-ċentri multimodali u fis-sistemi ta' trasport pubbliku effiċjenti u aċċessibbli.

Is-sigurtà urbana, kemm reali kif ukoll perċepita, tirrappreżenta element ċentrali ieħor. Il-kwalità tad-disinjar urban u tal-infrastrutturi pubbliċi tista' tikkontribwixxi biex tissaħħaħ b'mod sinifikanti s-sikurezza taċ-ċittadini u l-abitabbiltà tal-bliet, anki permezz ta' spazji pubbliċi aċċessibbli, tidwil adegwat u trasport sikur, b'mod partikolari għal individwi vulnerabbli u għan-nisa, li spiss huma vittmi ta' aggressjonijiet. Belt sikura fil-fatt tiffavorixxi koeżjoni soċjali, parteċipazzjoni demokratika u kwalità tal-ħajja.

Ir-rapport jirrikonoxxi r-rwol tal-isport bħala strument li jippromwovi s-saħħa, l-inklużjoni soċjali u l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, u jisħaq fuq l-importanza li jiġu żgurati infrastrutturi sportivi aċċessibbli u ta' kwalità fil-bliet ta' kull daqs.

Barra minn dan, jitfakkar ir-rwol tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni u tat-teknoloġiji l-ġodda fil-futur tal-bliet Ewropej. L-użu tal-intelliġenza artifiċjali u ta' strumenti diġitali avvanzati jista' jikkontribwixxi biex jittejbu l-ippjanar urban, l-effiċjenza enerġetika, l-għoti ta' servizzi tas-saħħa, il-monitoraġġ u l-ġestjoni tat-traffiku, il-kwalità tal-arja, kif ukoll il-ġestjoni tas-servizzi pubbliċi, b'hekk il-bliet isiru aktar intelliġenti, sostenibbli u reżiljenti. Fl-istess ħin, huwa fundamentali li l-iżvilupp u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali jżommu approċċ iċċentrat fuq il-bniedem, u jqiegħdu lill-persuna, lid-drittijiet taċ-ċittadini u t-titjib tal-kwalità tal-ħajja fiċ-ċentru tal-innovazzjoni teknoloġika.

Huwa wkoll fundamentali l-appoġġ għar-riċerka u għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet avvanzati għall-prevenzjoni u għall-ġestjoni tad-diżastri naturali u tal-fenomeni klimatiċi estremi, li jolqtu dejjem aktar spiss lit-territorji Ewropej. L-investiment fir-reżiljenza urbana u fil-kapaċità ta' adattament tal-bliet jirrappreżenta prijorità strateġika għas-sikurezza taċ-ċittadini u għas-sostenibbiltà tal-iżvilupp territorjali.

Aspett fundamentali ieħor jikkonċerna t-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-bliet, b'mod partikolari ta' dawk żgħar u ta' daqs medju, li spiss jiltaqgħu ma' diffikultajiet akbar fl-aċċess għall-finanzjamenti Ewropej u fl-ippjanar tal-interventi. Ir-rapport jenfasizza għalhekk il-bżonn li jonqsu l-piżijiet burokratiċi, jiġu simplifikati l-proċeduri u jitjieb il-koordinament bejn l-istrumenti u l-programmi Ewropej, u jiġu evitati frammentazzjonijiet u sovrapożizzjonijiet. F'dan il-kuntest, hija apprezzata l-idea ta' pjattaforma Ewropea ddedikata għall-bliet. Dan l-istrument għandu jevolvi lejn punt ta' kuntatt uniku Ewropew veru u proprju għall-awtoritajiet urbani, kapaċi jikkonċentra f'post ta' aċċess uniku l-opportunitajiet ta' finanzjament kollha disponibbli fil-livell Ewropew, is-servizzi ta' assistenza teknika, l-attivitajiet ta' żvilupp tal-kapaċitajiet u l-istrumenti għall-iskambju tal-prattiki tajba. L-għan għandu jkun dak li l-amministrazzjonijiet lokali jiġu akkumpanjati tul iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-proġetti, biex ikun aktar faċli li l-ideat jissarrfu f'interventi konkreti għall-ġid taċ-ċittadini. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, lill-bliet insulari u lit-territorji rurali, li jħabbtu wiċċhom ma' sfidi addizzjonali u spiss għandhom kapaċità amministrattiva limitata u jiltaqgħu ma' diffikultajiet akbar fl-aċċess għall-fondi Ewropej.

Imbagħad ir-rapport jappoġġja t-tisħiħ tal-istrumenti Ewropej iddedikati għall-iżvilupp urban, bħall-inizjattiva urbana Ewropea u URBACT, u jirrikonoxxi l-valur tagħhom biex isostnu lill-innovazzjoni, lill-iżvilupp tal-kapaċitajiet, lill-iskambju ta' prattiki tajba u lill-kooperazzjoni bejn il-bliet Ewropej. Attenzjoni partikolari għandha tingħata lill-bliet żgħar u ta' daqs medju, li jirrappreżentaw komponent essenzjali tan-nisġa territorjali Ewropea, iżda spiss għandhom anqas kapaċitajiet amministrattivi u finanzjarji. F'dan il-kuntest, il-promozzjoni ta' networks ta' bliet u ta' proġetti komuni tista' tiffaċilita l-aċċess għall-fondi Ewropej u ssaħħaħ il-kooperazzjoni territorjali.

Fl-aħħar, ir-rapport itenni li l-politika ta' koeżjoni futura u l-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034 se jkollhom jiżguraw riżorsi adegwati għad-dimensjoni urbana. Il-politika ta' koeżjoni għadha, fil-fatt, tirrappreżenta l-istrument ta' investiment Ewropew prinċipali li jappoġġja l-bliet u trid iżżomm dimensjoni territorjali b'saħħitha, kapaċi li

tirrispondi għall-ispeċifiċitajiet u għall-bżonnijiet konkreti tat-territorji.

F'dan il-kuntest, il-proposta tal-Kummissjoni tirrappreżenta punt tat-tluq importanti, iżda se jkun neċessarju li tissaħħaħ aktar id-dimensjoni urbana fi ħdan l-istrumenti finanzjarji Ewropej futuri. B'mod partikolari, jiġi sottolinjat il-bżonn li jiġi żgurat livell adegwat ta' preallokazzjoni għall-bliet fil-qafas tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali futuri u tal-Faċilità tal-UE, filwaqt li jiġi evitat li l-flessibbiltà prevista mill-arkitettura finanzjarja l-ġdida tnaqqas l-investimenti intiżi għall-iżvilupp urban.

Ir-rapport jistieden għaldaqstant lill-Istati Membri juru aktar ambizzjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi ddedikati għall-politiki urbani, u jirrikonoxxi r-rwol strateġiku tal-bliet għall-koeżjoni soċjali, għall-kompetittività Ewropea u għall-innovazzjoni.

Huwa finalment kruċjali li l-aċċess għall-fondi Ewropej jiġi semplifikat billi jonqsu l-frammentazzjoni u s-sovrapożizzjonijiet bejn l-istrumenti finanzjarji, bil-għan li l-awtoritajiet lokali, b'mod partikolari l-bliet żgħar u ta' daqs medju, jitħallew jużaw b'mod aktar effikaċi l-opportunitajiet disponibbli.